# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru 21**

**Rikors Numru 139/12 RGM**

**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg**

**v.**

**Michael Lowell**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-16 ta' Settembru 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, pendenti l-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

2. L-attrici qed tappella minn din id-decizjoni u qed titlob "ir-riforma" tas-sentenza appellata, peress li skont hi l-waqfien tal-komunjoni tal-

akkwisti fl-istadju li fihom wasslu l-proceduri jikkagguna lilha pregudizzju mhux proporzjonat, bl-ispejjez kontra l-konvenut. Min-naha tieghu l-konvenut qed jitlob li, ghar-ragunijiet indikati minnu fir-risposta tieghu l-appell tal-attrici jigi michud bl-ispejjez kontra l-attrici.

## Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "**Ligi u Gurisprudenza**.
>
> "L-artikolu rilevanti ghat-talba in dizamina huwa l-**artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:-
>
>> "*(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*
>>
>> *"(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*
>>
>> *"(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*
>>
>> *"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*
>>
>> *"(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*
>>
>> *"(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-*

*partijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*"(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*"(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

"**Gurisprudenza**.

"L-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 55 in dizamina b'sentenza moghtija fit-28 ta' Marzu 2014 fil-kawza **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** fejn iddikjarat illi:-

> "In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien: matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

"Fil-kawza appena citata il-Qorti tat-Tieni Istanza ikkonfermat decizzjoni moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. L-Onorabbli Qorti tal-Appell mhux biss ikkonfermat is-sentenza tal-Prim' Istanza izda wkoll iddikjarat li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kienet ser igib maghha beneficcju lill-parti li kienet qed topponi inkwantu kien ser jigi eviatat li xi parti jew ohra taghmel dejn li 'l quddiem ikun jista' jigi imputat lill-komunjoni.

"**Posizzjoni tal-Attrici**.

"Sabiex il-Qorti tiddeciedi dwar dan ir-rikors jehtieg li tevalwa r-ragunijiet migjuba mill-attrici in opposizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti konvenut in linea mal-principju illi min jallega jrid jipprova.

"Mill-atti jirrizulta li l-opposizzjoni tal-attrici ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju hija msejsa fuq is-segwenti motivazzjonijiet:-

"1. Illi mhux minnu li r-rikorrent qed jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori sabiex ikun jista' jiehu facilita` bankarja halli jkompli jghin lill-ibnu, illum maggorenni, fl-istudji tieghu fl-esteru.

“2. Illi l-attrici ghad ghandha provi ohra xi tressaq sabiex tipprova l-konsistenza tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

“3. Illi ma giex akkordat lill-attrici manteniment *pendente lite* u ghalhekk, flimkien mad-dhul taghha mix-xoghol li taghmel, holqot dhul iehor billi talloggja fid-dar taghha studenti barranin li jkunu qed jistudjaw hawn Malta.

“4. Illi ser tigi pregudikata serjament “….jekk il-Komunjoni tal-Akkwisti tigi terminata ghax ma tkunx tista’ tissalvagwarda s-sehem indiviz taghha hekk kif ghandu jigi likwidat wara li jigi analizzat minn komputista espert”.

“5. Illi l-konvenut ghandu salarju gholi.

“6. Illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali kif ukoll ghamlu t-tlett ulied tal-partijiet.

“7. Illi l-konvenut irid it-terminazzjoni mhux biex ikun jista’ jghin finanzjarment lil ibnu “imma biex ikun jista’ jghatti l-interessi finanzjarji illi ghandu u jizvija totalment meta tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti, u r-Rikorrenti Attrici tispicca b’xejn ghax kollox joghsfor kif diga ghosfru hafna affarijiet.”

“8. Illi l-konvenut qed jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti “….biex johnoq lill-mara tieghu halli hi ma tkunx taf il-fatti u s-sehem indiviz taghha biex tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti.”

“9. Illi l-konvenut ta diversi verzjonijiet ghala jrid jittermina l-komunjoni tal-akkwisti.

“10. Illi hemm differenza kbira bejn il-*quantum* tad-dhul mensili tal-konvenut u l-*quantum* tad-dhul mensili tal-attrici.

“11. Illi l-attrici ghandha dritt tkun taf il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-Qorti tordna l-waqfien taghha minghajr ma tigi likwidata.

“**Posizzjoni tal-konvenut**.

“Il-konvenut sostna illi skond l-artikolu 55 tal-Kap 16 it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza ghandha tkun ir-regola u mhux l-eccezzjoni. Jinkombi fuq l-attrici li tressaq provi sodisfacenti illi bit-terminazzjoni ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat.

“Il-konvenut sostna wkoll illi hemm qbil bejn il-partijiet illi sehem il-konvenut mill-appartament li huwa d-dar matrimonjali ghandu valur ta’ circa mitejn u hamsin elf ewro (€250,000) u li ghalhekk il-pretensjonijiet tal-attrici, opposti mill-konvenut, huma adegwatament kawtelati.

"Skond il-konvenut, il-pretensjonijiet tal-attrici fir-rigward tal-konsistenza tal-komunjoni u allura ta' sehmha mill-istess komunjoni huma esagerati.

"**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

"Is-sub-inciz 4 tal-artikolu 55 fuq citat jistipula li qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni ta' l-akkwisti, l-Qorti ghandha tevalwa jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-fatt ta' tali waqfien waqt il-kawza. Ghaldaqstant il-Qorti ser tezamina l-oggezzjonijiet imressqa mill-attrici intimata.

"Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju li trid taghmel il-Qorti huwa maqsum primarjament f'zewg stadji. Fl-ewwel stadju l-Qorti tezamina jekk l-oggezzjoni jew l-oggezzjonijiet imressqa humiex oggettivament rilevanti ghall-finijiet stretti tal-artikolu 55 sub-inciz 4. F'kaz li l-oggezzjoni tissupera l-ewwel gharbiel jehtieg li l-Qorti tghaddi sabiex tevalwa l-provi u s-sottomissjonijiet imressqa sabiex tiddeciedi jekk l-oggezzjoni, oggettivament rilevanti, hiex sorretta mill-provi u allura jekk l-intimata ippruvatx sodisfacentement illi fl-ewwel lok ser tbati pregudizzju u fit-tieni lok, dejjem jekk jirrizulta pregudizzju, jekk tali pregudizzju hux proporzjonat jew le.

"Ikkunsidrat;

"Ezaminati l-oggezzjonijiet kopjuzi, kultant ripetittivi, mressqa mill-attrici ghat-talba tal-konvenut, din il-Qorti minghajr ezitazzjoni tafferma illi uhud mis-sottomissjonijiet maghmula mill-attrici b'opposizzjoni ghat-talba tal-konvenut m'huma rilevanti xejn ghall-mertu tar-rikors in dizamina.

"L-attrici sostniet illi l-konvenut ghandu motivazzjonijiet sinistri wara t-talba tieghu u li mhux minnu li qed iressaq it-talba sabiex ikun jista' jiehu wahdu facilita` bankarja, jaghmel tajjeb ghaliha wahdu u jhallas spejjez edukativi ta' ibnu li qed jistudja fl-esteru.

"Hija l-fehma tal-Qorti illi f'rikorsi simili mhux mehtieg li r-rikorrent jimmotiva t-talba tieghu. L-artikolu 55 tal-Kap 16 ma jistipula l-ebda obbligu da parti tar-rikorrent li jimmotiva t-talba tieghu. It-talba ghat-terminazzjoni fil-mori ta' kawza hija motivata bizzejjed fiha innifisha peress li l-hsieb tal-Legislatur kien li pendenti l-kawza tas-separazzjoni il-partijiet ikunu jistghu jibdew jaghmlu atti civili minghajr il-htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra u minghajr il-possibilita` li jghabbu l-komunjoni tal-akkwisti b'dejn addizzjonali. Ghalhekk ghandha tapplika l-massima legali "ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit".

"Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti kellha l-okkazzjoni tisma' x-xhieda ta' Michael Lowell (Jnr.), iben il-partijiet, waqt l-udjenza tal-15 ta' Lulju 2014, li qed isegwi l-istudji tieghu fl-esteru u li qed jigu finanzjati mill-konvenut. Filwaqt li tirriafferma li ma kienx mehtieg li r-rikorrent

jimmotiva t-talba tieghu, hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut irnexxielu jressaq provi konvincenti illi effettivament ibnu ghandu bzonn sostenn finanzjarju sabiex jkun jista' jkompli bl-istudji tieghu fl-esteru. Naturalment tali motivazzjoni ma tinnewtralizzax il-htiega li l-Qorti tindaga jekk l-eventwali akkoljiment tat-talba tohloqx pregudizzju mhux proporzjonat lill-attrici.

"Ikkunsidrat;

"Ezaminati l-oggezzjonijiet l-ohra imressqa mill-attrici, sunt taghhom riprodott *supra*, il-Qorti hi tal-fehma illi diversi minnhom huma kompletament irrilevanti ghall-finijiet tat-trattazzjoni tar-rikors indizamina. Hawn il-Qorti tirreferi ghall-oggezzjonijiet: illi l-attrici ghad ghandha provi ohra xi tressaq sabiex tipprova l-konsistenza tal-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti; illi ma giex akkordat lill-attrici manteniment *pendente lite;* illi l-konvenut ghandu salarju gholi; illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali kif ghamlu t-tlett ulied tal-partijiet; illi l-konvenut irid it-terminazzjoni mhux biex ikun jista' jghin finanzjarment lil ibnu "imma biex ikun jista' jghatti l-interessi finanzjarji illi ghandu u jizvija totalment meta tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti, u r-Rikorrenti Attrici tispicca b'xejn ghax kollox joghsfor kif diga ghosfru hafna affarijiet."; illi l-konvenut qed jitlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti "….biex johnoq lill-mara tieghu halli hi ma tkunx taf il-fatti u s-sehem indiviz taghha biex tigi likwidata l-Komunjoni tal-Akkwisti."; illi l-konvenut ta diversi verzjonijiet ghala jrid jittermina l-komunjoni tal-akkwisti; illi hemm differenza kbira bejn il-*quantum* tad-dhul mensili tal-konvenut u l-*quantum* tad-dhul mensili tal-attrici; illi l-attrici ghandha dritt tkun taf il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti qabel ma l-Qorti tordna l-waqfien taghha minghajr ma tigi likwidata. Fil-fehma tal-Qorti tali oggezzjonijiet m'ghandhom l-ebda rilevanza ghall-mertu in dizamina.

"Kien ikun aktar utli ghall-Qorti kieku l-attrici, kif kien fid-dover taghmel, illimitat ruhha ghall-pretensjoni taghha illi terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju ser jirrekalha "pregudizzju mhux proporzjonat". F'dan ir-rigward jigi osservat illi l-ilment tal-attrici illi id-dhul mensili tal-konvenut huwa superjuri ghad-dhul mensili taghha ma hiex konsiderazzjoni fid-decizzjoni jekk it-terminazzjoni hiex ser tirreka pregudizzju lill-attrici. Jekk is-sottomissjoni tal-attrici f'dan ir-rigward ghandha tinftiehem illi sakemm ma tigiex terminata l-komunjoni tal-akkwisti allura hija qed tippartecipa mid-dhul mensili tal-konvenut billi ir-residwu mis-salarju jifforma parti mill-komunjoni, il-Qorti hi tal-fehma illi tali ragunament ma jikkwalifikax bhala pregudizzju mhux proporzjonat u dan ghaliex fil-kawza odjerna intavolata mill-istess attrici wahda mit-talbiet taghha hija proprju it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

L-attrici tilmenta illi l-kompilazzjoni tal-provi rigwardanti l-aspett finanzjarju ser ikun wiehed komplikat bil-htiega ta' nomina ta' espert komputista'. Tilmenta wkoll l-attrici illi jekk it-talba tal-konvenut tintlaqa', allura huwa ser ikun jista' jahbi assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

"Ezaminati l-atti, ma jirrizultax illi dak li minnu qed tibza' l-attrici isehh bhala konsegwenza li l-komunjoni tal-akkwisti tigi terminata. Mill-provi akkwiziti s'issa jirrizulta illi l-attivitajiet kummecjali li fil-passat il-konvenut kien jiggestixxi direttament jew tramite socjetajiet kummercjali, ilhom is-snin li waqfu Illum il-konvenut huwa impjegat b'salarju mensili u beneficcji ohra dejjem relatati mal-impieg. L-attrici tilmenta illi fil-passat il-konvenut kien ippercepixxa flejjes illi zammhom mistura minnha. Filwaqt li f'dan l-istadju l-Qorti mhiex ser tippronunzja ruhha dwar il-fondatezza u meno ta' tali pretensjoni, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-posizzjoni tal-attrici fir-rigward ta' tali pretensjoni mhux ser tiddghajjef bil-fatt li l-komunjoni tigi terminata.

"Ghall-kuntrarju, kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza citata *supra*, huwa fl-interess tal-istess attrici illi ma jkunx possibbli ghall-partijiet illi jghabbu l-komunjoni bi djun minghajr il-konsapevolezza tal-parti l-ohra.

"Appena huwa necessarju jinghad illi l-pretensjonijiet tal-attrici fil-konfront tal-konvenut dwar fondi li allegatament zamm mohbija minnha mhux ser ikunu kawtelati billi l-partijiet jinzammu marbutin b'regim ta' komunjoni tal-akkwisti izda billi tiehu dawk ir-rimedji kawtelatorji li l-ligi tpoggi ghad-disposizzjoni taghha.

"Hija ghalhekk il-fehma ta' din il-Qorti illi l-ilmenti numeruzi li l-attrici resqet b'sostenn tal-opposizzjoni taghha ghat-talba tal-konvenut ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jikkwalifikawx bhala "pregudizzju mhux proporzjonat".

"Peress illi fil-fehma tal-Qorti l-attrici ma hi ser tbati l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat bit-terminazzjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet f'dan l-istadju, it-talba tal-konvenut bir-rikors tieghu tal-25 ta' Marzu 2013 timmerita li tigi akkolta."

## Il-Fatti

4. L-attrici qed titlob is-separazzjoni personali minn mal-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38 u 41 tal-Kodici Civili, filwaqt li l-konvenut permezz ta' kontro-talba qed jitlob is-separazzjoni minn mal-attrici ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38 u 40. Iz-zewg partijiet qed jitolbu l-applikazzjoni fil-konfront ta' xulxin tal-Artikolu 48 tal-istess kodici.

5. Jidher li l-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali fil-waqt li l-konvenut, flimkien ma' ulied il-partijiet, jghixu go appartament mikri minnu. Iz-zewg partijiet jahdmu u ghandhom introjtu tant li l-attrici ma gietx akkordata manteniment pendente lite, izda jidher li l-introjtu tal-konvenut huwa akbar minn dak tal-attrici.

6. It-tfal, ghalkemm adulti, jghixu mal-konvenut li ghadu jiffinanzja l-edukazzjoni taghhom. Di fatti r-raguni ghaliex il-konvenut ghamel it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti hija proprju sabiex dan ikun jista' jottjeni self bankarju biex jiffinanzja l-edukazzjoni ta' wiehed minn uliedu barra minn Malta.

7. Jidher mill-verbal[1] maghmul fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2014 li l-attrici ddikjarat li kienet preparata li tiffirma d-dokumenti necessarji sabiex il-konvenut jiehu facilita` bankarja sabiex jiffinanzja l-kors ta' studju ghat-tifel Michael ghas-sena skolastikala li jmiss.

**L-Aggravju**

8. Fir-rikors tal-appell taghha l-attrici ressqet is-segwenti ragunijiet li fuqhom hija qed tibbaza l-appell taghha: [1] li d-dimensjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghad trid tigi defenittivament stabbilita peress li

[1] Fol. 569

skont hi jista' jkun hemm assi li hi ghadha ma tafx bihom stante li l-konvenut kien ihalliha fl-ghama dwar l-attivitajiet finanzjarji tieghu; [2] li r-raguni moghtija mill-konvenut ghat-talba tieghu ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u cioe` sabiex jiffinanzja l-edukazzjoni tat-tifel Michael, hija "biss *mis en scene* biex jizvija lill-ewwel Qorti mill-objettivi vera" tal-konvenut; [3] li, ghalkemm hi ittentat tiehu il-prekawzjonijiet skont il-ligi biex tipprotegi l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti bil-hrug ta' mandati ta' sekwestru kawtelatorji fi tlett okkazzjonijiet separati, dawn il-mandati gew eventwalment revokati.

9. Min-naha tieghu l-konvenut jirribatti billi jghid li l-assi principali tal-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali li tiswa bejn €500,000 u €540,00 liema fond huwa fuq isem iz-zewg partijiet u li f'dan il-fond ghadha tghix l-attrici, filwaqt li hu u uliedhom jghixu f'appartament mikri. Jghid li l-attrici takkomoda lill-istudenti barranini gol-fond matrimonjali sabiex taghmel introjtu li zzommu ghaliha u dan barra mill-introjtu min-negozju tal-hanut gestit minnha.

10. Il-konvenut jaghmel referenza wkoll ghal dokument[2] redatt mill-attrici fejn hemm indikat il-pretensjonijiet taghha oltre sehemha mid-dar matrimonjali. Dawn jirrigwardjaw il-mobbli li hemm fid-dar matrimonjali, il-mobbli fl-appartament tal-villeggjatura, l-avvjament tal-Carriage

[2] Fol. 638

Restaurant u mobbli li hemm fih. Fl-istess dokument hemm indikat li barra dawn l-assi hemm ukoll Personal Life Insurance, l-assi tas-socjeta' MDL.Ltd u "any savings".

11. Il-konvenut jenfasizza li b'sehemu mid-dar matrimonjali huwa gja` ghandu assi bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-attrici. Rigward l-ammont sostanzjali ta' €75,120 manteniment, ghal perjodu ta' 10 snin, pretiz mill-attrici, il-konvenut jissenjala li l-Qorti ma akkordatilhiex manteniment *pendente lite* sante li l-attrici ghandha mezzi sufficjenti tmantni lilha nnifisha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

12. Dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-attrici ssostni li hi ghadha ma skoprietx x'inhuma l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti peress li skont hi l-konvenut kien ihalliha fl-ghama dwar l-attivitajiet finanzjarji tieghu, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

13. Fl-ewwel lok jigi osservat li l-prospett[3] prezentat minnha fejn hemm elenkat fid-dettal assi tal-komunjoni, idghajjef it-tezi attrici f'dan ir-rigward. Dan il-prospett jimmilita kontra t-tezi taghha li hi ghadha qed tiskopri d-dimensjoni tal-komunjoni. Dan qed jinghad peress li l-kontenut ta' dan il-prospett juri li l-attrici ghandha ideja cara u preciza

[3] Vol. 3 – Fol. 368

tal-pretensjonijiet taghha fuq dawn l-assi kif ukoll tal-valur rispettivi taghhom. Ghalhekk l-attrici ghandha disponibbli ghaliha l-mezzi moghtija bil-ligi sabiex tikkawtela l-interessi taghha fuq l-istess.

14. Fit-tieni lok, jigi osservat li dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2012 u ghalhekk l-attrici kellha tlett snin sabiex tressaq u tikkonkludi l-provi taghha fir-rigward u anke tiskopri xi assi ohra tal-komunjoni talvolta li dawn jezistu.

15. Fit-tielet lok il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici.

16. Dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-attrici ssostni li r-raguni mressqa mill-konvenut ghat-talba tieghu ghall-waqfien tal-komunjoni m'hijex gustifikanti ghall-akkoljiment tat-talba tieghu, il-Qorti tosserva li l-ezami li hu rikjest mil-ligi ghad-determinazzjoni ta' tali talba, ma jirrigwardjax ir-raguni wara tali talba, izda jirrigwardja l-punt jekk bl-akkoljiment ta' tali talba fl-istadju li tkun maghmula *"xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat".* Fil-meritu, l-attrici fl-oppozizzjoni taghha ghat-talba tal-konvenut kellha l-oneru li tipprova li bl-ordni tal-

waqfien ta' tali talba hija ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Dan l-attirici ma rnexxilhiex tipprovah u ghalhekk ma hemmx ostakolu legali biex it-talba tal-konvenut tintlaqa'.

17. Dwar ir-revoka tal-mandati ta' sekwestri kawtelatorji maghmula mill-attrici, il-Qorti tosserva li dan il-fattur m'ghandux jimmilita kontra t-talba tal-konvenut, ghax il-fatt li l-mandati gew revokati mill-Qorti jfisser li ma kienx hemm raguni valida fil-ligi sabiex dawn jinzammu fis-sehh tenut kont li l-pretensjoni attrici dwarhom ma kienitx gustifikata.

18. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fl-intier tieghu infondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell, bl-ispejjez kontra l-attrici.

Il-Qorti tordna li l-process jintbaghat lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df